


FORUM TAL-INIZJATTIVA TA?-?ITTADINI EWROPEJ

Sistema Ċentrali ta' Ġbir Online



LEARN - DISCUSS - CONNECT - SEEK ADVICE

Għaliex din in-nota ta' gwida hija rilevanti għalik

Għal organizzatur, il-fehim tal-firxa sħiħa tal-funzjonalitajiet u tal-karatteristiċi li toffri din is-sistema huwa kruċjali għall-eżekuzzjoni b'suċċess tal-inizjattiva tiegħek. Din ir-riżorsa tiddekrivi kif tistabbilixxi u ttippersonalizza l-pjattaforma tal-ġbir tiegħek, filwaqt li tiżgura li din tallinja mal-identità viżiva u mal-għanijiet tal-kampanja tiegħek. Tagħti wkoll dettalji dwar il-proċess għall-integrazzjoni ta' din is-sistema mas-sit tal-kampanja tiegħek, il-ġestjoni tal-komunikazzjonijiet ma' min qed jappoġġjak, u l-konformità mal-istandards tas-sigurtà u l-aċċessibbiltà.

B'din in-nota ta' gwida, tista' titgħalliem timmaniġġja l-inizjattiva tiegħek b'mod effiċjenti mill-arranġament inizjali sa tmiem il-perjodu tal-ġbir tal-firem, u fl-aħħar mill-aħħar tgħinek tilħaq il-miljun firma meħtieġa f'mill-inqas seba' Stati Membri.

Qarxa Qenerali

L-għan ta' Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej huwa li tilħaq mill-inqas 1 miljun firma, inkluż numru minimu f'mill-inqas seba' Stati Membri, fi 12-il xahar. Bħala organizzatur, se jkollok 6 xhur mid-data tar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva tiegħek biex tiddeċiedi meta tibda l-ġabra ta' sena ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ – kemm online jew fuq formoli stampati.

Il-firmatarji jeħtieġ li jkunu ċittadini tal-UE (ċittadini tal-Istati Membri tal-UE) u jkollhom biżżejjed età biex jivvutaw fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fl-Istat Membru tagħhom – sakemm dak l-Istat Membru ma jkunx stabbilixxa l-età minima għall-iffirmar ta' Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej f'età aktar baxxa u jkun informa lill-Kummissjoni b'dan. Ara l-lista tar-rekwiżiti tal-età.

Nota

Is-Sistema Ċentrali ta' Ġbir Online hija l-unika sistema ta' ġbir online għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej għal inizjattivi rreġistrati wara l-1 ta' Jannar 2023.

Is-Sistema Ċentrali ta' Ġbir Online

Is-Sistema Ċentrali ta' Ġbir Online hija magħmula minn żewġ partijiet:

- a) L-interface pubblika fejn iċ-ċittadini jistgħu jiskopru u jappoġġaw l-inizjattivi.
- b) L-interface tal-organizzatur, li hija dashboard maniġerjali fejn l-organizzaturi jistgħu jippersonalizzaw is-sistema ta' ġbir online tagħhom u jikkomunikaw mas-sostenituri.

Nota

Biex issib aktar informazzjoni dwar il-parti tal-amministrazzjoni, jekk jogħġbok irreferi għall-Manwal tal-Utent: Inizjattiva ta' Ċittadini Ewropej - Kont tal-organizzatur għal inizjattivi li jużaw is-Sistema Ċentrali ta' Ġbir Online (aċċessibbli għall-organizzaturi).

Karatteristiċi ewlenin tas-sistema ċentrali online:

- Preparazzjoni minima (soluzzjoni turnkey) u mingħajr ħlas;
- Ebda approvazzjoni jew ċertifikazzjoni meħtieġa: is-sistema diġà tikkonforma mal-istandards tekniċi u ta' sigurtà
 - biex tuża s-sistema, kemm tiffirma ftehim mal-Kummissjoni;
- Konfigurazzjoni rapida: biex tuża s-sistema, sempliċiment informa lill-Kummissjoni 10 ijiem ta' xogħol qabel ma jibda l-ġbir, permezz tal-kont tal-organizzatur tiegħek;
- Garanzija ta' livell għoli ta' sigurtà, b'konformità mad-Deċiżjoni [\[1\]](#) dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea;
- Is-sistema hi kompletament aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltajiet
- Tgħaddi regolarment minn testijiet għall-vulnerabbiltà, il-prestazzjoni, l-użu u l-aċċessibbiltà;
- Tagħti lill-organizzaturi l-possibbiltà li jibagħtu emails lis-sostenituri;
- Integrata bis-sħiħ mal-kont tal-organizzatur tal-IĊE;
- Integrata bis-sħiħ mas-Servizz ta' Skambju ta' Files (għat-trasferiment ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ lill-Istati Membri għall-verifika tagħhom f'każ ta' inizjattivi ta' suċċess);

- Tevolvi kontinwament permezz tal-ġbir ta' input mill-partijiet ikkonċernati.

[1] *Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea ĠU L 6, 11.1.2017, p. 40.*

Struttura tas-sistema ċentrali online

Il-parti tax-xellug tas-sit web hija ddisinjata biex turi:

- Il-logo tal-inizjattiva;
- L-għanijiet ewlenin tal-inizjattiva proposta;
- Il-link għall-paġna web tal-inizjattiva fir-reġistru tal-Kummissjoni.

Informazzjoni addizzjonali fuq dan il-panel tinkludi s-sit web tal-inizjattiva, id-dettalji ta' kuntatt tal-organizzaturi, in-numru tar-reġistrazzjoni, id-data tal-bidu tal-perjodu ta' ġbir, u links għall-kanali tal-media soċjali tal-inizjattiva.

L-iżbarra tal-progress fin-naħa ta' isfel tax-xellug tas-sit web turi lill-pubbliku l-progress tal-firem miġ bura mill-inizjattiva.

Taħt l-iżbarra tal-progress, hemm spjegat li biex inizjattiva tkun valida, trid tiġbor mill-inqas miljun firma valida u tissodisfa l-limiti minimi f'mill-inqas seba' pajjiżi.

Fuq in-naħa tal-lemin tal-paġna web, tista' **tappoġġa l-inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej** b'wieħed minn żewġ modi:

1. **Iffirma bl-eID tiegħek** – jekk il-pajjiż tan-nazzjonalità tiegħek joffri din l-għażla.
2. **Imla l-formola online** – disponibbli għaċ-Ċittadini kollha tal-UE.

L-iskadenza biex tiżdied firma tidher fuq in-naħa tal-lemin. L-informazzjoni dwar id-data personali meħtieġa għall-iffirmar ta' inizjattiva, flimkien mal-istqarrija ta' privatezza, tintwera qabel ma ċ-Ċittadin

ikollu l-għażla li jipproċedi.

Kull formola tiġi personalizzata skont id-data meħtieġa mill-Istat Membru magħżul (inkluża l-għażla li tuża l-eID).

In-navigazzjoni tinsab fin-naħa ta' fuq tal-paġna, u twassal lura għall-paġna tal-inizjattivi jew il-paġna ewlenija tas-sit web tal-IĊE.

X'jesperjenzaw i?-?ittadini meta jiffirmaw online

Skont in-nazzjonalità tagħhom, iċ-ċittadini jistgħu jappoġġaw inizjattiva jew:

- permezz tas-sistema tal-eID ta' pajjiżhom;
- jew permezz ta' formola online (ara r-rekwiżiti tad-data għal kull Stat Membru).

Jekk jagħżlu li jiffirmaw permezz tal-eID, jiġu diretti mill-ġdid lejn il-portal tal-eID nazzjonali tagħhom biex ilestu l-proċess ta' awtentikazzjoni qabel ma jiġi rreġistrat l-appoġġ tagħhom.

Meta tintuża l-formola online, ladarba jintgħażel il-pajjiż, il-formola rilevanti tintwera fuq l-istess paġna. Kull formola hija mfassla apposta biex tirrifletti d-data speċifika meħtieġa fil-pajjiż magħżul.

Iċ-ċittadin li jiffirma l-inizjattiva jista' jbidel il-lingwa tal-interface fi kwalunkwe ħin billi juża lista li tinżel fin-naħa ta' fuq tal-lemin tal-paġna. Il-lingwa tal-informazzjoni tal-inizjattiva se tinbidel skont dan.

Wara li iċ-ċittadini jappoġġaw inizjattiva b'suċċess, dawn jintbagħtu awtomatikament f'paġna ta' *konferma tal-firma*. F'din il-paġna, iċ-ċittadin jingħata identifikatur tal-firma.

PARIR

Huwa rrakkomandat li iċ-ċittadini jniżżlu dan l-identifikatur tal-firma għar-referenza tagħhom.

Iċ-ċittadin jiġi infurmat dwar il-passi li jmiss: x'jiġri jekk l-inizjattiva tikseb mill-inqas miljun firma, il-proċess ta' verifika, u t-tweġiba tal-Kummissjoni. Fuq is-sit web tal-IĊE llinkjat wieħed jista' jsib informazzjoni pass pass, għal aktar informazzjoni.

Iċ-ċittadin għandu wkoll l-għażla li jabbona għal aġġornamenti billi jipprovdi l-indirizz tal-email tiegħ u dwar dan li ġej:

1. Aġġornamenti dwar l-Inizjattiva ta' Ċittadini Ewropej li tkun iffirmajt għaliha (il-posta tal-inizjattiva tiegħek)
2. In-newsletter ta' kull xahar tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-inizjattivi ta' Ċittadini Ewropej

Barra minn hekk, fil-qiegħ tal-paġna, iċ-ċittadini jistgħu jagħżlu li jikkondividu l-inizjattiva fuq il-media soċjali u jipprovdu feedback. F'dak il-każ, jeħtieġ li jagħtu l-kunsens għall-istqarrija/stqarrijiet ta' privatezza applikabbli u l-ipproċessar tad-data personali tagħhom.

Qiegħ il-paġna jinkludi links għall-kondiviżjoni tal-inizjattiva fuq il-media soċjali u għas-sit web tal-Inizjattiva ta' Ċittadini Ewropej, fejn l-utenti jistgħu jesploraw u jappoġġaw inizjattivi oħra.

Modi kif tippersonalizza l-pjattaforma ta' ?bir online tiegħek

Inti, bħala organizzatur, għandek il-possibbiltà li tippersonalizza xi partijiet mill-paġna tal-ġbir tal-firem tagħkom. Dawn huma l-modi li bihom tista' tippersonalizza:

1. Upload tal-logo tal-inizjattiva tal-organizzatur;
2. Link għas-sit web proprju tal-inizjattiva;
3. Wiri ta' links tal-media soċjali taħt it-taqsimha "Media Soċjali";
4. Għoti ta' informazzjoni lis-sostenituri.

Dawn l-għażliet kollha huma mmaniġġjati permezz tal-Kont tal-organizzatur taħt it-tab "Immaniġġja l-ġbir online" fuq in-naħa tax-xellug tal-paġna. F'din it-taqsimha, għandek aċċess għal:

- Dashboard
- Ippersonalizza
- Aġmilha soċjali

- Informa lis-sostenituri
- Feedback mingħand l-utenti

Dashboard

Minbarra dawn il-personalizzazzjonijiet, tista' taċċessa statistika addizzjonali dwar il-ġbir tal-firem online tiegħek fit-taqsima *Dashboard* li tinsab taħt it-tab *Immaniġġja l-ġbir online*.

Nota

Din l-istatistika hija disponibbli biss fuq il-Kont tal-organizzatur u ma tidhirx fuq il-paġna tas-Sistema ta' Ġbir Online. In-numru ta' firem miġbura għal kull pajjiż jintwera fil-paġna tad-deskrizzjoni tal-inizjattiva fir-reġistru tal-IĊE. Din il-paġna tista' tiġi aċċessata wkoll mill-paġna tal-ġbir tal-firem online permezz ta' link.

Din tinkludi:

- Status ġenerali tal-ġbir tal-firem online
- Status tal-ġbir tal-firem fl-UE kollha (disponibbli f'format u tabella tal-mappa)
- L-aktar 7 pajjiżi li ġabru firem
- Status tal-ġbir online għal kull xahar: firem li nġabru fl-UE kollha kull xahar
- Firem miġbura għal kull pajjiż kull xahar (disponibbli f'format ta' graff u tabella)

Ippersonalizza

Biex ittella' l-logo tal-inizjattiva tiegħek u l-link għas-sit web tal-inizjattiva tiegħek, agħżel it-taqsimha *Ippersonalizza*.

PARIR

Id-dimensjonijiet rakkomandati għall-**immaġni tal-logo** huma 3:1.

Agħmilha soċjali

Mur fit-taqsimha *Agħmilha soċjali* biex iżżid il-**links tal-media soċjali** tiegħek mal-paġna tal-ġbir online tiegħek. Għandek l-għażla li tippersonalizza l-messaġġ muri biex tfiggħeg lis-sostenituri jaqsmu l-appoġġ tagħhom fuq il-media soċjali, pereżempju “Ixxerja ma’ sħabek”.

Informa lis-sostenituri

Meta jiffirma inizjattiva, iċ-ċittadin għandu l-għażla li jabbona għal aġġornamenti dwar l-Inizjattiva ta' Ċittadini Ewropej tiegħek billi jipprovdi l-indirizz tal-email tiegħu. Jekk iċ-ċittadin jabbona għal aġġornamenti dwar l-inizjattiva u jdaħħal l-email tiegħu, tista' tikkuntattjah permezz tal-kont tal-organizzatur tal-IĊE fit-taqsimha *Informa lis-sostenituri*, li tinsab taħt it-tab *Immaniġġja l-ġbir online* fuq in-naħa tax-xellug tal-Kont tal-organizzatur.

Għal raġunijiet ta' privatezza, inti, bħala organizzatur tal-IĊE, ma għandekx aċċess għall-indirizzi tal-email attwali tal-firmatarji.

Nota

Is-sistema ta' ġbir online tirreġistra l-lingwa li ċ-ċittadin għażel biex iżur is-sit u jiffirma l-inizjattiva. Dan jippermettilek tkun taf liema lingwa jippreferi ċ-ċittadin għall-posta.

Ridirezzjonar lejn il-paġna tal-?bir tal-inizjattiva tiegħek mis-sit tal-kampanja tiegħek

Mis-sit tal-kampanja tal-inizjattiva tiegħek stess, tista' tirridirezzjona lejn il-paġna tal-inizjattiva tiegħek fis-Sistema Ċentrali ta' Ġbir Online. Ara l-Manwal tal-utent għal struzzjonijiet speċifiċi.

Tmiem il-perjodu ta' ?bir tal-Firem

Fid-data tat-tmiem tal-perjodu ta' ġbir tal-inizjattiva tiegħek, is-sistema se **tagħlaq il-ġbir tal-firem awtomatikament f'24:00 CET.**

Il-paġna ewlenija tas-sistema ta' ġbir tiegħek se turi l-informazzjoni li l-ġbir tal-firem għalaq. Iċ-ċittadini mhux se jkunu jistgħu jiffirmaw l-inizjattiva, iżda xorta se jkunu jistgħu jikkonsultaw l-informazzjoni ġenerali (objettivi, eċċ.) u l-għadd ta' firem li nġabru online.

Te?tie? appo?? addizzjonali?

Għandek mistoqsijiet addizzjonali dwar is-sistema ta' ġbir online? Jekk jogħġbok ikkonsulta l-*Manwal tal-utent (disponibbli għall-organizzaturi ta' IĊE rreġistrati)* jew ikkuntattja l-Forum tal-IĊE permezz tal-għodda [Staqsii esperti](https://citizens-initiative-forum.europa.eu/ask-expert_mt) (https://citizens-initiative-forum.europa.eu/ask-expert_mt).